# QORTI KRIMINALI

**Imhallef**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

**Il-Hamis, 22 ta' Frar, 2001**

**Att ta' Akkuza nru. 3/98**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 3/98;

Rat is-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1999 (fol. 148), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar, 2001 (fol. 232);

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali tal-4 ta' Gunju, 1999 (fol. 160), kif ukoll it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza, kif ripropost mill-imsemmi Avukat Generali, anness ma' l-imsemmi rikors (fol. 162); rat id-digriet tal-11 ta' Gunju, 1999 (fol. 164) li permezz tieghu din il-Qorti laqghet it-talba ta' l-Avukat Generali sabiex jippresenta l-imsemmi tieni kap, u ordnat li kemm ir-rikors kif ukoll il-kap gdid jigu notifikati lill-akkuzat;

Rat ir-rikors ta' Mario Camilleri tat-18 ta' Gunju, 1999, kif ukoll **in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tieghu ta' l-istess data** (fol. 165 u 169 rispettivament);

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju, 1999 (fol. 166) li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba tal-akkuzat ghar-revoka "contrario imperio" tad-digriet tal-11 ta' Gunju, 1999;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2001 (fol. 251);

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda proprjament it-tieni eccezzjoni sollevata mill-akkuzat permezz tan-nota tieghu tat-18 ta' Gunju, 1999. L-ewwel eccezzjoni – u cioe` l-eccezzjoni ta' l-irregolarita` tal-procedura adottata mill-Avukat

Generali meta ppropona mill-gdid it-tieni kap – giet sorvolata u sorpassata bid-digriet ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Gunju, 1999 (fol. 166). Permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni l-akkuzat kien qieghed, bazikament, jghid li wara li din il-Qorti, bis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1999, iddikjarat it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza null u ordnat li l-akkuzat jitqieghed, riferibbilment ghal dana t-tieni kap biss, fl-istess stat li kien fih qabel ma gie ppresentat l-Att ta' Akkuza (fis-17 ta' Frar, 1998), l-Avukat Generali ma setax jirriproponi t-tieni kap permezz ta' rikors (tal-4 ta' Gunju, 1999) <u>presentat fil-Qorti Kriminali</u> peress li fid-data tal-imsemmi rikors <u>il-kaz kien jinsab quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali</u> in vista tar-rikors ta' appell tieghu tat-2 ta' Gunju, 1999 (fol. 195). Kif din il-Qorti diga affermat bid-digriet taghha tat-30 ta' Gunju, 1999, ma kien hemm ebda irregolarita` fil-procedura adottata mill-Avukat Generali. Galadarba Att ta' Akkuza jista' jigi presentat biss fil-Qorti Kriminali, parti minnu, cioe` kap wiehed jew aktar li jkun jew ikunu gew dikjarati nulli, tista' tigi presentata wkoll biss fil-Qorti Kriminali u f'ebda qorti ohra. Tali kap jew kapi godda jistghu jigu presentati permezz ta' semplici nota; ma hemmx ghalfejn rikors. Pero`, galadarba l-Avukat Generali ghazel il-procedura aktar solenni tar-rikors, tali rikors kellu jigi, kif fil-fatt gie, presentat fil-Qorti Kriminali u mhux fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u dan minkejja li kien hemm appell pendenti mis-sentenza tat-28 ta' Mejju, 1999. Kien ikun null it-tieni kap ripropost mill-Avukat Generali kieku dan gie presentat fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali, li mhix il-qorti fejn Att ta' Akkuza jew parti minnu jista' jigi presentat. Ghalhekk u ghal kull buon fini din il-Qorti qed terga tafferma li ma kien hemm ebda rregolarita` fil-procedura adottata mill-Avukat Generali meta hu rripropona t-tieni kap, **u ghall-kompletezza tal-gudizzju qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat**.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-akkuzat qed jeccepixxi n-nullita` tat-tieni kap tal-Att ta' Akkuza <u>kif ripropost mill-Avukat Generali</u>; hu qed jinvoka in sostenn ta' din l-eccezzjoni l-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi li l-Att ta' Akkuza (jew, skond il-kaz, xi kap f'dak l-Att ta' Akkuza) ikun null "meta l-fatt migjub fl-att ta' l-akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att".

Ir-reat li l-Avukat Generali qed jakkuza bih lil Camilleri f'dan it-tieni kap hu dak ta' "money laundering" previst fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1C) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1999, it-tlett elementi bazici ta' dan ir-reat huma (i) li l-akkuzat ikun uza, ircieva jew zamm flus; (ii) bil-hsieb li jahbi jew jikkonverti dawk il-flus; u (iii) meta kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus kienu gejjin, direttament jew indirettament, mit-traffikar tad-droga jew attivita` illecita ohra kif previst fil-ligi. F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet annullat it-tieni kap kif <u>originarjament</u> propost mill-Avukat Generali peress li fil-parti espositiva ta' l-istess kap ma kien hemm ebda fatt li b'xi mod jirreferi ghat-tieni element imsemmi, cioe` l-hsieb li dak li jkun jahbi jew jikkonverti dawk il-flus biex jiddistakkahom kemm jista' jkun mill-provenjenza llecita taghhom. Fil-kap kif qed jigi <u>ripropost</u>, pero`, <u>it-tlett elementi</u> aktar 'l fuq imsemmija huma milquta bil-fatti kif migjuba fil-parti espositiva jew narrativa ta' dan il-kap, b'mod ghalhekk li jista' jinghad li "…l-fatt migjub…jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt…" f'dan it-tieni kap. Fi kliem iehor, hemm in-ness "logiku u necessarju kif ukoll legali bejn il-fatti migjuba fl-Att ta' l-Akkuza u r-reat deskritt u dedott" (***Ir-Repubblika***

***ta' Malta v. John Vella*** App. Krim., 26/11/99). Il-Qorti, ghalhekk, ma tirravviza ebda nullita` kif qed jallega l-akkuzat, u konsegwentement **tirrespingi t-tieni eccezzjoni ta' l-akkuzat**.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur